# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 19**

**Ċitazzjoni numru 2325/00/4 MH**

**Joseph Camilleri u s-soċjetà Kiss Live FM Limited, għal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Joseph Grima u Grima Communications Limited u b'digriet tas-16 ta' Ġunju 2017 l-atti ġew trasfużi f'isem Dr. Lynn Zahra u bintha Chase Zammit**

1. Fit-2 ta' Frar 1995 l-attur kien daħal fi ftehim mal-konvenuti permezz ta' liema Joseph Grima kellu jitrasferixxi lill-attur l-ishma tiegħu fil-kumpanija Grima Communications Limited u kellha tiġi trasferita wkoll il-liċenzja tal-istazzjon tar-radju Kiss Live FM lill-attur, versu l-ħlas tal-korrispettiv miftiehem fl-istess kuntratt. Dan il-ftehim kien jipprospetta wkoll li Joseph Grima jaġixxi bħala konsulent għall-attur fir-rigward ta' dan

l-istazzjon u wkoll li jippreżenta programm fuqu, bi ħlas ta' Lm500 kull xahar għad-durata tal-ftehim. L-attur kien ukoll intrabat li jagħmel pagamenti mensili oħra lil Joseph Grima personalment, rappreżentanti krediti li Grima ddikjara li kellu kontra Grima Communications Limited. In vista ta' dan kienu nħarġu numru ta' kambjali għall-ammonti li kellhom jitħallsu mill-attur lil Joseph Grima. It-trasferiment tal-liċenzja ma sarx peress illi l-Awtorità tax-Xandir ma kinitx tat l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex isir dan. Ċirka sena wara li ġie ffirmat dan il-ftehim l-attur kien talab lill-konvenuti sabiex dan il-ftehim li sar bejniethom jinħall, u f'April 1996 il-partijiet kienu ftehmu bil-miktub dwar l-obbligi residwali tal-attur, u ċjoè dak li l-attur kellu jkun responsabbli li jħallas wara l-ħall tal-ftehim, bħal pereżempju ħlasijiet tal-VAT li ma kinux saru debitament u ħlasijiet ta' pagi ta' mpjegati. Fl-istess skrittura ġie miftiehem li Joseph Grima kellu jżomm il-kambjali li kienu nħarġu fl-1995 bħala garanzija għall-adempiment tal-obbligi li kien assuma l-attur permezz ta' dan il-ftehim tal-1996. Sussegwentement Joseph Grima kien proċeda sabiex jirrendi eżekuttivi wħud minn dawn il-kambjali. Minħabba f'hekk l-attur ipproċeda b'din il-kawża, peress li skont l-attur il-kambjali li nħarġu favur Grima ma baqgħux jikkostitwixxu titolu ta' ħlas in vista tal-ftehim tal-1996 iżda kien biss garanzija tat-twettieq li huwa assuma fuq dak il-kuntratt.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kambjali kollha accettati mill-attur Joseph Camilleri u konsenjati minnu lil-konvenuti in konnessjoni mal-ftehim tat-

2 ta' Frar 1995, liema kambjali jigu identifikati fil-kors ta' din il-kawza, ma ghadhomx jikkostiwixxu titolu ta' hlas favur il-konvenuti jew min minnhom izda biss garanzija ta' twettieq u l-ezekuzzjoni tal-obbligi gravanti lil-attur skond il-ftehim ta' terminazzjoni konkluz f'it-2 ta' April 1996.

2. Tillikwida l-obbligi residwali naxxenti mill-imsemmi ftehim tat-2 ta' April 1996, u gravanti lill-atturi illi ghadhom ma gewx ezegwiti mill-istess atturi u, okkorrendo wara illi taghti dawk l-ordnijiet illi jkunu xierqa dwar l-ezekuzzjoni ta' tali obbligi u okkorrendo ukoll wara illi tillikwida u tistabilixxi il-valur tal-obbligi residwali hekk iddikjarati bhala mhux ezegwiti mill-atturi, tawtorizza lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jzommu fil-pusses taghhom bhala garanzija kontra l-eventwali inadempjenza tal-atturi f' tali obbligi, dawk il-kambjali illi jigu appozitament identifikati minn dina l-istess Qorti, illi jigu mizmuma mill-istess konvenuti jew min minnhom taht dawk il-kondizzjonijiet li jigi stabiliti mill-istess Onorabbli Qorti u li jirregolaw l-uzu u l-prezentazzjoni taghhom mill-konvenuti ghall-pagament.

3. Tordna lill-konvenuti sabiex jirritornaw u jikkonsenjaw lill-attur Joseph Camilleri il-kambjali hekk accettati mill-istess attur u li ghadhom fil-pussess tal-konvenuti jew min minnhom illi l-konvenuti ma jigux awtorizzati minn dina l-Qorti illi jzommu fil-pussess taghhom b' effett tat-talba precedenti.

4. Tinibixxi lill-konvenuti milli jaghmlu uzu mill-kambjali imhollija fil-pussess taghhom minn dina l-Qorti bhala pretenzjoni ta' hlas jew altrimenti milli jiggiraw favur terzi jew b' xi mod iehor jikkostitwixxu favur t-terzi titolu ta' hlas kontra l-attur Joseph Camilleri, hlief taht dawk il-kondizzjonijiet u f' dawk ic-cirkostanzi illi jigu stabiliti appozitament minn dina l-Qorti kif mitluba f' din l-istanza.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tar-rikors ghall-urgenza ppreszntata kontestwalment, kontra il-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni".

3. Il-konvenuti eċċepew, *inter alia,* li l-Qorti għandha tissoprassjedi l-kawża għaliex qed tinstema' kawża oħra dwar l-istess kambjali quddiem Imħallef ieħor, li wara r-revoka tal-ftehim oriġinali tat-2 ta' Frar 1995 l-attur aċċetta l-kambjali għall-konsiderazzjoni ta' ftehim ġdid li għamel mal-konvenut fit-2 ta' April 1996, li l-attur irid jispjega x'irid jgħid meta jsostni li huwa ffirma u aċċetta l-kambjali biss bħala garanzija ta' ħlas, li t-talba

għal dikjarazzjoni li l-kambjali ma fihom ebda obbligazzjoni hija kontradittorja għat-talba l-oħra li saret biex il-konvenuti jiġu awtorizzati jżommu wħud mill-kambjali bħala garanzija kontra l-eventwali inadempjenza tal-attur u għalhekk hija inammissibbli, li l-attur ma jistax jitlob protezzjoni kontra l-kreditur tiegħu mill-Qorti skont il-prinċipju *nullus commodum capere potest de injuria sua propria,* li t-talba għar-ritorn tal-kambjali hija inammissibli għaliex tmur kontra r-regoli tal-kummerċ u għalhekk hija kontradittorja mat-talba biex il-konvenuti jiġu awtorizzati jżommu wħud mill-kambjali bħala garanzija għall-ħlas, u li m'hemmx lok għal-likwidazzjoni ta' danni peress li l-attur ma sofra l-ebda danni.

4. Il-konvenuti ppreżentaw ukoll kontrotalba permezz ta' liema, wara li premettew li kienu sofrew danni minħabba l-aġir tal-attur u li għalhekk kienu waslu fi ftehim mal-attur biex huwa jħallas is-somma ta' Lm108,000 li fil-fatt kien iffirma numru ta' kambjali li flimkien jammontaw għal din is-somma, talbu lill-Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara li l-istess attur rikonvenzjonat huwa responsabbli ghad-danni: a) tat-telf ta' dhul sofferti mill-konvenut Joseph Grima meta l-attur ma riedx jew ma setghax ikompli jhaddem il-kuntratt tat-2 ta' Frar 1995, b) ghall-dawk il-pagamenti mensili li kienu dovuti u li sa mument tar-recissjoni tal-kuntratt kienu ghadhom ma gewx onorati mill-attur, c) id-danni kollha li l-attur ikkaguna lis-socjeta konvenuta waqt li kien qieghed jamministra hu inkluzi fosthom: dritt ta rivalsa tal-ispejjez personali l;i l-attur hallas mill-kont tas-socjeta Grima Communications, dritt ta' rivalsa tal-flus li dahhal f'isem il-kumpanija bhala CET jew VAT u li l-attur dahhal f'butu minflok hallashom lid-Dipartiment tal-VAT, hlas ta kontijiet ohra li l-attur dahal responsabbli ghalihom matul l-amministrazzjoni tieghu tal-kumpannija bhal kontijiet tat-telfons u ta dawk personali tal-mobile li baqma hallasx u d) tad-danni ghal hsara u

> serq ta' equipment tal-kumpanija min nies li kienu jgawdu l-fiducja tieghu waqt li kien qieghed imexxi l-kumpanija hu.
>
> 2. Tillikwida d-danni kkagunati jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi.
>
> 3. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ghal hlas tad-danni hekk likwidati.
>
> Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

5. L-attur rikonvenzjonat eċċepixxa, *inter alia,* li t-talbiet għall-ħlas tad-danni huma preskritti għall-finijiet tal-Artikoli 2154 u 2156 tal-Kodiċi Ċivili, li huwa ma kkawżax danni lill-konvenuti rikonvenzjonanti u mhuwiex responsabbli għal-lanjanzi msemmija fil-kontrotalba tagħhom, li d-danni talvolta sofferti mill-konvenuti rikonvenzjonanti kienu kkawżati mill-istess konvenuti sew direttament u sew għaliex poġġew lill-attur fl-impossibbilità li jieħu dawk il-miżuri meħtieġa sabiex id-danni eventwalment sofferti jiġu prevenuti.

6. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Lulju 2021 ġie deċiż hekk:

> "Konsegwentement qegħda tiddisponi mit-talbiet u l-eċċeżżjonijiet kif ġej:
>
> Tilqa l-ewwel talba attriċi kif ingħad;
>
> Tilqa t-tieni talba attriċi limitatament kif se jingħad tillikwida l-obbligi residwali naxxenti mill-ftehim tat-2 ta' April, 1996, u gravanti lill-atturi li għandhom ma ġewx ezegwiti mill-istess atturi fl-ammont ta' €88.500, u tawtorizza lil konvenuti jew minn minnhom iżommu fil-pussess tagħhom bħala garanzija kontra l-eventwali inadempjenza tal-atturi f'tali obbligi, dawk il-kambjali biss ammontanti għal din is-somma indikata.

Tiċħad dik il-parti tat-tieni talba fejn ġie mitlub li jiġu ddentifikati l-kambjali relattivi għax mhux ċar għalija liema jekk qattx ġew ritornati lura xi kambjali a saħħa ta' pagamenti effettwati, ħlief għal dawk identifikati mill-istess attur u annessi ma din il-kawza fl-ammont ta' Lm21,250.

Tilqa t-tielet talba attriċi b'dan lil konvenuti et. għandhom jirritornaw u jikkonsenjaw lil Joseph Camilleri dawk il-kambjali rimanenti fil-pussess tagħhom oltre dawk ġia ddentifikati u oħrajn li komplessivament iwasslu għas-somma hekk likwidata ta' €88.500, li għandhom jagħmlu tajjeb għal-obbligazzjonijiet residwali appena likwidati.

Tilqa r-raba' talba fit-totalita' tagħha n kwantu l-kambjali li għandhom jibqu fil-pussess tal-konvenuti et. għandhom ikunu biss bħala garanżija ta' ħlas ta' l-obbligi residwali likwidati.

Illi konsegwenza ta' hekk tiddisponi mill-eċċezzjonijiet ta' Grima et. għat-talba prinċipali billi tiċħad l-ewwel waħda (il-kawzi kollha bi ftehim instemgħu flimkien)

Tilqa t-tieni u t-tielet sakemm kompatibbli ma dan appena deċiż. Tiċħad l-kumplament li jibqa.

Fil-konfront tat-talbiet rikonvenzjonali tiċħad ukoll it-talbiet (a) u (b) ta' l-ewwel talba fir-rikonvenzjoni ta' Grima et. għar-ragunijet premessi u fil-konfront ta' l-istess kontro talba tilqa l-ewwel talba biss fil-konfront ta' dawk li jidhru fil-paragrafu c) u d) ta' l-istess u dan in linea mat-talbiet attriċi kif deċiżi;

Fil-konfront għall-eċċezzjonijiet għal kontro- talba, kif ingħad tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet.

In vista tal-komplessita' ta' dawn il-proċeduri fuq bażi fattwali, it-tul taż-żmien li ttieħed tqies li kull parti għandha tbaghti l-ispejjez tagħha".

7. Il-konvenuti Dr. Lynn Zahra u Chase Zammit ippreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-2 ta' Awwissu 2021 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi; (i) tillikwida somma ferm akbar ta' danni sofferti minnhom għas-serq tal-fondi tas-soċjetà konvenuta u ħsarat u serq tal-apparat, (ii) tilqa' l-kontro-talba bin-numru a) u tordna u tillikwida danni addizzjonali għall-ħall tal-ftehim mill-attur,

(iii) tordna u tillikwida danni addizzjonali għall-kontro-talba nkluża fin-numru a) u ċjoè għat-telf tal-qligħ mill-konsulenza mal-ħall tal-kuntratt, (iv) tordna l-ħlas tal-imgħaxijiet legali mid-data tal-ittra ġudizzjarja notifikata lill-attur jew mid-data tal-kontro-talba sad-data tal-pagament effettiv, (v) tiddikjara li l-kambjali li għandhom fil-pussess tagħhom jikkostitwixxu titolu eżekuttiv jew (vi) tiddikjara li l-istess kambjali jikkostitwixxu biss garanzija ta' ħlas u tordna lill-attur biex iħallashom is-somma likwidata favur tagħhom bl-imgħax, u (viii) tordna li l-attur għandu jbati l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

8. L-attur ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fis-26 ta' Awwissu 2021 permezz ta' liema ssottometta li l-appell tal-konvenuti għandu jiġu miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

**Ikkonsidrat:**

9. Din il-Qorti tqis li jkun utli li titratta l-ewwel nett argument imqajjem mill-appellat fis-sens li l-aggravji tal-appellanti li jikkonċernaw riforma fl-ammonti likwidati mill-Ewwel Qorti favur Grima Communications Limited ma jistgħux jiġu milqugħa peress li l-appell tressaq biss minn Dr. Lynn Zahra u Chase Zammit.

10. Mill-atti jirriżulta li Dr. Lynn Zahra u Chase Zammit huma parti minn dawn il-proċeduri wara li saret it-trasfużjoni tal-atti ta' Joseph Grima permezz ta' digriet tas-16 ta' Ġunju 2017 stante l-mewt tal-istess Joseph Grima. Mill-atti jirriżulta li Joseph Grima kien qiegħed jidher f'dawn il-proċeduri f'ismu proprju u dan stante li fil-kuntratti li ġew konklużi bejn il-partijiet Joseph Grima kien ukoll deher f'ismu proprju u kien hemm diversi obbligazzjonijiet li l-attur kien assuma favur Joseph Grima personalment u obbligazzjonijiet li Joseph Grima personalment assuma favur l-attur, bħala pereżempju l-għoti ta' konsulenza minn Joseph Grima lil Joseph Camilleri li kellu jħallas ammont determinat għall-istess servizz lil Grima personalment. Fir-rikors tal-appell intavolat fit-2 ta' Awwissu 2021 ġie dikjarat li dan ir-rikors tal-appell huwa ta' Dr. Lynn Zahra u Chase Zammit b'mod ċar u inekwivoku b'dan il-kliem: "Rikors tal-Appell tal-konvenuti Dr. Lynn Zahra u bintha Chase Zammit." Il-Qorti tkompli tosserva li wara li ġiet preżentata r-risposta tal-appellat fejn l-appellat għamel ċar l-oppożizzjoni tiegħu għat-talbiet dwar ir-riforma tal-ammonti likwidati mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta' Grima Communications Limited ladarba l-kumpanija konvenuta ma tidhirx bħala appellanti fir-rikors tal-appell, l-appellanti fl-ebda ħin ma ppruvaw jirrimedjaw għal dan in-nuqqas billi talbu xi korrezzjoni fir-rikors tal-appell tagħhom jew b'xi mod ieħor kjarifikaw li kienu qed jidhru wkoll f'isem Grima Communications Limited. Fid-dawl ta' dan din il-Qorti ma tistax ħlief tqis li ma sar l-ebda appell minn

Grima Communications Limited kontra s-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-12 ta’ Lulju 2021.

11. Peress li jirriżulta li hemm numru ta’ aggravji li jirrigwardaw dik il-parti tas-sentenza appellata li tikkonċerna lil Grima Communications Limited minkejja li l-appell sar biss minn Dr. Lynn Zahra u Chase Zammit tgħodd ir-regola stabbilita fl-Artikolu 238 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li jipprovdi hekk:

> “(1) It-tħassir jew it-tibdil ta’ sentenza jiswa lill-parti illi fuq talba tagħha jkun ġie mogħti t-tibdil jew it-tħassir ta’ dik is-sentenza.
>
> (2) Dak it-tħassir jew tibdil jiswa wkoll lil dawk –
>
> (a) illi jkollhom interess dipendenti essenzjalment minn dak tal-parti li fuq talba tagħha jkun ġie mogħti t-tħassir jew it-tibdil tas-sentenza;
>
> (b) illi, f’kawża fuq ħaġa indiviżibbli, ikunu atturi jew konvenuti flimkien mal-parti li fuq talba tagħha jkun ġie mogħti t-tħassir jew it-tibdil tas-sentenza;
>
> (ċ) illi bis-sentenza mħassra jew imbiddla, ikunu ġew ikkundannati in solidum mal-parti li fuq talba tagħhajkun ġie mogħti t-tħassir jew it-tibdil tas-sentenza:
>
> Iżda t-tħassir jew it-tibdil ta’ sentenza ma jiswiex favur il-persuni msemmijin fil-paragrafi (b) u (ċ), jekk dak it-taħsir jew tibdil ikun ġie mogħti għal raġunijiet li jmissu biss lill-parti li tkun talbet dak it-tħassir jew tibdil”.

12. Għalhekk skont il-liġi t-tibdil fis-sentenza mitlub minn Dr. Lynn Zahra u Chase Zammit ma jistax jiswa lil Grima Communications Limited, sakemm ma jaqax fil-qafas ta’ xi waħda mill-eċċezzjonijiet prospettati fit-tieni sub-inċiż tal-artikolu ċitat, li fil-fehma tal-Qorti mhuwiex il-każ. Grima

Communications Limited m'għandhiex interess li huwa dipendenti fuq dak tal-appellanti, u lanqas ma jirriżulta li l-pretensjonijiet ta' Grima Communications Limited u tal-appellanti huma indiviżibbli. Għalkemm huwa minnu li l-pretensjoni għad-danni kemm ta' Grima Communications Limited u kemm tal-appellanti bħala s-suċċessuri ta' Joseph Grima huma naxxenti mill-istess ftehim u mill-istess avvenimenti, b'mod partikolari l-ħall tal-ftehim li kien sar bejn il-partijiet, dawn il-pretensjonijiet xorta waħda mhumiex indiviżibbli billi huma kompletament separati u distinti minn xulxin. Il-pretensjoni għad-danni ta' Grima Communications Limited hija bbażata fuq allegazzjoni ta' danni kkawżati mill-attur minħabba amministrazzjoni ħażina tal-istazzjon ta' radju u allegat serq ta' fondi u oġġetti mobbli proprjetà ta' Grima Communications Limited. Min-naħa l-oħra l-pretensjoni tal-appellanti hija bbażata fuq il-fatt li minħabba li l-ftehim ta' bejn il-partijiet ġie xolt huma tilfu mill-qligħ tal-fondi li kien ġie pattwit li kellhom jitħallsu lil Joseph Grima personalment mill-attur, b'mod partikolari l-profitt li kien ser isir mill-konsulenza pattwita. Għaldaqstant zgur ma jistax jingħad li dawn l-interessi tal-konvenuti rikonvenzjonanti jiddependu minn xulxin jew li l-pretensjonijiet tagħhom huma indiviżibbli.

13. Minn dan isegwi li l-aggravji li tressqu mill-appellanti Lynn Zahra u Chase Zammit li jirrigiwardaw dik il-parti tas-sentenza li titratta ammonti li jgħidu li huma dovuti lil Grima Communications Limited huma inammissibbli għaliex jolqtu biss lil parti oħra fil-kawża li dwarhom ma

qajmet ebda aggravju ta’ appell. Għaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni aggravju u tat-tielet aggravju sa fejn dan jirrigwardja danni allegatament dovuti lil Grima Communications Limited.

**L-Ewwel Aggravju**

14. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom il-konvenuti jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-kambjali kienu biss garanzija ta’ ħlas u mhux titolu eżekuttiv. L-appellanti jsostnu li ladarba huma ġġustifikaw it-talba tagħhom il-kambjali kellhom jiġu dikjarati li jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għaliex skont il-ġurisprudenza l-kambjala fil-prattika hija kkonsidrata kważi bħala titolu eżekuttiv. Jilmentaw illi ma jagħmilx sens li l-kambjali jibqgħu meqjusin biss bħala garanzija ta’ ħlas meta l-attur kien diġà ġie interpellat biex iħallas u baqa’ m’għamilx dan u meta fl-għoxrin sena li damet tinstema’ din il-kawża baqa’ qatt ma ħallas xejn, lanqas dak li huwa ħass kien dovut minnu. Jilmentaw ukoll illi hemm kontradizzjoni fis-sentenza għaliex l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-kambjali huma biss garanzija ta’ ħlas u fl-istess nifs qalet li għandhom jagħmlu tajjeb għall-obbligazzjonijiet residwali tal-attur sal-ammont likwidat minnha, u li dan ifisser li huma ser ikollhom jiftħu kawża oħra bir-riskju li l-attur jerġa’ jopponi t-talba għall-ħlas ladarba issa anke l-Qorti qed tgħid li l-kambjali huma biss garanzija ta’ ħlas.

15. L-appellat ma ressaq l-ebda argument in risposta għal dan l-aggravju.

16. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel konsiderazzjoni li tmiss il-validita' tal-kambjali n kwistjoni, hu x'inhu r-raguni għala dawn baqgħu f'idejn Joe Grima a skorta tal-ftehim originali jew bħala garanżija għal ħlas ta' l-obbligazzjonijiet residwali tiegħu issa naxxenti wara l-ħall tal-ftehim originali, in-natura tal-kambjala tibqa' l-istess kif sew sostnew Grima et. fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom. L-eżerċizzju mitlub minn Camilleri et. hu wieħed silettiv biex il-Qorti tara x'kambjali għad iridu jiġu onorati biex jitħallas ir-residwal skont Camilleri et. dovut.
>
> A priori u b'ħafna emfasi l-Qorti tara li hemm ċerta kontradizzjoni da parti ta' l-atturi et.rikonvenzjonati meta tħares lejn l-eċċezzjonijiet minnu mogħtija fiż-żewġ kawzi l-oħra relatati fejn eċċepixxa n-nulita' tal-kambjali *de quo* u mbagħad f'din l-azzjoni mressqa jvanta l-validita' taghħom biex jezoneraw ruħhom minn obbligazzjonijiet residwali. Oltre dan tenut kont ta' l-import ta' kambjala bħala strument ta' kreditu isib ukoll inkomprensibbli kif jekk parti mill-kambjali *de quo* ġew onorati, kif l-istess baqgħu fi ħdan il-kreditur Grima et. Dawn huma kummenti dovuti n vista ta' l-eċċezzjonijiet mressqa mill- konvenuti rikonvenzjonanti għat talba ta' Joseph Grima et. u anke għaliex Joe Camilleri juri inċertezża x'ġie ritornat lilu fil-konfront".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

17. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju m'għandu l-ebda utilità prattika u huwa frivolu u vessatorju. L-appellanti ressqu dan l-aggravju effettivament għaliex skont huma d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li ma tiddikjarax li l-kambjali inkwistjoni huma titolu eżekuttiv ifisser li ser ikollhom jiftħu kawża oħra kontra l-attur biex jiksbu titolu eżekuttiv kontra tiegħu, bir-riskju li jerġa' jopponi t-talba tagħhom. Dan l-argument però m'għandu l-ebda loġika. Illum il-ġurnata l-appellanti għandhom f'idejhom sentenza tal-Qorti

li kkanonizzat lill-attur debitur tagħhom fl-ammont ta' €88,500,[1] u minn liema sentenża l-attur m'għamel l-ebda appell. Is-sentenzi tal-Qorti huma titoli eżekuttivi bis-saħħa tal-Artikolu 253(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk mhuwiex korrett l-ilment tal-appellanti li ser ikollhom jintavolaw xi kawża oħra biex jiksbu titolu eżekuttiv u li hemm riskju li l-attur jopponi t-talba għall-ħlas tagħhom. Skont il-liġi wara sentenza *res judicata* l-appellanti għandhom id-dritt li jipproċedu bl-intavolar tal-mandati eżekuttivi opportuni jekk l-attur jibqa' ma jħallasx dak likwidat mill-Ewwel Qorti, u dan mingħajr il-bżonn ta' proċeduri ġudizzjarji ulterjuri.

18. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud. Peress li l-ħames aggravju tal-appellanti jirrigwarda wkoll il-pretensjoni tagħhom li l-kambjali msemmija għandhom jiġu dikjarati li huma titolu eżekuttiv, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad l-istess għar-raġunijiet appena spjegati.

**It-Tielet Aggravju**

19. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ċaħdet it-talba għad-danni minħabba ksur tal-kuntratt. Jilmentaw li lill-Ewwel Qorti sfuġġielha kompletament il-fatt li kien l-attur li talab il-ħall tal-kuntratt u għalhekk skont il-liġi kellu jiġi kkundannat iħallas danni tali kiser il-kuntratt. Jargumentaw li l-provi juru biċ-ċar li l-

[1] Bil-possibbilità li din is-somma tiżdied ikkonsidrat li permezz ta' dan l-appell il-konvenuti qed jitolbu li din il-Qorti tawmenta l-ammont likwidat favur tagħhom.

attur talab li jinħall mill-kuntratt għaliex ma mexiex b'dik id-diliġenza mistennija minn missier tajjeb tal-familja tant li l-Awtorità tax-Xandir issospendiet il-liċenzja tar-radju u ried jevita r-riskju gravi u imminenti li r-radju jispiċċa mingħajr liċenzja. Isostnu li l-ħall tal-ftehim ma kinitx deċiżjoni maqbula ħielsa li ttieħdet mill-partijiet għaliex il-konvenuti kellhom jaċċettaw it-talba tal-attur biex jinħall il-ftehim minħabba li dan intalab biss wara li l-Awtorità tax-Xandir issospendiet il-liċenzja tar-radju u l-konvenuti riedu li jimmitigaw id-danni li l-kriżi li kkawża l-attur fuq l-istazzjon kienet ser tikkawża.  Jilmentaw li fil-fatt l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu inkonsiderazzjoni l-fatt li din is-sospenzjoni kienet ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell biss għaliex kienet ġiet infurmata li Joseph Grima kien reġa' ħa r-radju f'idejh, u żżid li mill-istess sentenza joħroġ li l-attur kien ilu jagħmel affarijiet li jmorru kontra l-kondizzjonijiet tal-liċenzja fosthom billi qaleb l-istazzjon minn stazzjon ta' diskussjoni għal stazzjon ta' mużika. Jargumentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-attur kien liberu li jkeċċi lil Dr. Emmy Bezzina għaliex dan kien jammonta għall-ksur tal-kondizzjonijiet tal-liċenzja u li ma kellu l-ebda jedd jitlef il-liċenzja, u jżidu li l-attur kien ħa fuq spallejh ir-riskju billi m'għamel l-ebda riserva li r-radju jittieħed lura jekk il-liċenzja ma tiġix trasferita. Iżidu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ma llikwidat l-ebda ammont fir-rigward tal-konsulenza għaliex l-attur waqaf iħallas il-kambjali ferm qabel ma ġie xolt il-kuntratt, u dan billi ħallas għal tmien xhur biss.

20. L-appellat iwieġeb li l-ftehim tat-2 ta' Frar 1995 ġie terminat mill-partijiet permezz ta' ftehim ieħor bejniethom, liema terminazzjoni ġiet regolata permezz ta' ftehim li sar fit-2 ta' April 1996. Isostni li mhuwiex ċar liema danni sofra Joseph Grima personalment mill-ħall tal-ftehim tat-2 ta' Frar 1995, u fi kwalunke każ dawn huma żgur kumpensati mill-fatt li Joseph Grima kien inkassa u żamm għalih ħlasijiet sostanzjali intiżi bħala l-korrispettiv tal-bejgħ tal-istazzjon li wara sena reġa' spiċċa għandu.

21. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-Qorti a priori tagħraf lil provi mressqa minn Joe Camilleri kienu ferm skarsi n sostenn ta' dak minnu allegat fit-talba tiegħu lli hu kien ezegwixxa dawk l-obbligi (parti) naxxenti mill-ftehim tal-ħall tan-negozzju bejniethom, u wisq aktar f'dawk li skontu kien għad irid jiġu ezegwiti. Għalkemm jilmenta għal diversi drabi lli minħabba li Grima meta reġa' daħħal fl-istazzjon ħadlu l-kotba kollha relattati ma' accounts u tmexxija tan-negożji l-oħra tiegħu li kien jiggestixxi mill-fond ġewwa tas-Sliema, xejn ma kien iżommu jassigura *a tempo vergine* u jipproduċi provi oħra ta' pagamenti li għamel kemm fil-konfront ta' kambjali ġia minnu onorati fuq il-bażi ta' l-ewwel ftehim u pagamenti oħra li hu jgħid li għamel a favur is-soċjeta rikonvenzjonanti ukoll ta' depositi minnu affettwati fil-kont tas-soċjeta Grima Communications. Ġia l-Qorti taħseb fil-kambjali li suppost ġew ritornati lilu n sostenn ta' pagamenti effettwati u jekk dan ma seħħx għala ma talabhomx! Naraw ukoll li kontrarjament għal dak li jgħid dwar Bountempo li donnu ma kienx jaf dana x'kien qed jagħmel meta hu Camilleri kien il-ħabs, nsibu li ntrabat fi ftehim hekk imsejjaħ tal-ħall li dan jirritona *company documents* u *hardware* tal-kumpanija presumibilment mingħand Pierre Bountempo. Anke mill-ħabs, konċesso b'ċertu diffikolta, xejn ma kien iżomm lil Camilleri li jassigura l-pussess tal-prova ta' dak ġestit minnu għax fuq kollox il-kumpaniji ġestiti minnu baqgħu dejjem taħt il-kontroll effettiv tiegħu.
>
> Bla tlaqliq il-Qorti tgħid li sabet diffikolta kbira tasal għal l-obligazzjonijiet residwali li talbuha tiddetermina l-atturi rikonvenzjonati. Żgur hemm qbil mill-partijiet li xi ammonti ta' flus a skorta ta' l-ewwel ftehim għadda bejn il-partijiet, skont Camilleri ma kienx għad baqa iżjed minn Lm100,000 dovuti, Grima jammetti li rċeva s-somma ta' Lm10,500. Lanqas ta' dan ma hemm prova ċara u jerga jiġi ritenut li għal Qorti mhux ċar ġewx ritornati dawk il-kambjali rispettivi. Fuq ir-residwal jekk tara ir-rendikonti

presentati minn Grima, mhux kontradetti minn Camilleri, dawn jammontaw għal Lm53,032.13 magħduda magħhom ukoll is-somma ta' Lm13,261.00 għas-somma globali ta' Lm66,293.13, stante li dan baqa' eżerċizzju attiv. Frankament somma konsiderevoli għal sena u ftit xhur amministrazzjoni. Jerġa jingħad li da parti tiegħu Camilleri għalkemm jilminta kemm qieghed flejjes fil-kont tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti naqqas għal kollox li juri dan. Naqas ukoll, inkella ma ressaqx ebda prova, li jivverifika l-accounts li kienu qed iħejju Grima et. Meta reġgħu ħadu lura l-kontroll ta' l-istazzjon f'idejhom. Fatt dan li seta dejjem għamlu.

Hemm qbil ukoll bejn il-partijiet, dan kif jirriżulta mill-premessi ta' din iċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-konvenut pro et noe illi Joseph Camilleri kien fis-sena 26 ta' Gunju, 2000, ġie kanoniżżat kreditur tal-attur għal ammont ta' Lm21,250,61 għaliex Joe Grima kien ipproċeda bil-proċedura ta' giljottina li ġiet milqugħa mill Prim'Awla u kanoniżżat fl-ammont imsemmi. Din is-sentenza ġiet revokata u huwa fuq skorta ta' dawk l-kambjali li tistrieħ it-talba attriċi odjerna.

Hu fatt li l-akbar insistenza Camilleri baqa tul il-proċeduri kollha joffri s-somma ta' Lm30,000 biex joqtol kull obbligazzjoni residwali wara l-ħall tal-ftehim inizjali, tul ż-żmien pero Grima talbu iżjed. Pero Camilleri, a kontrarju ta' Grima, qatt ma ta spjega ta' xiex kien qed joffri din is-somma u liema obbligazzjonijiet kien se joqtol biha.

Anzi tara li nħela ħafna żmien fuq l-applikabbilta' ta' l-ewwel ftehim, fuq kwistjoni ta' transfer ta' liċenzja, fuq id-diffikultajiet ta' l-istess, kif donnu Camilleri ħassu nġannat, li ma setax allura jitrasferixxi l-ġaranżiji għal fuqu minħabba f'hekk. Minn naħa l-oħra Grima insista li hu prova jagħmel dan u li Camillleri baqa' inadempjenti fl-obbligu li jerfa' l-piżijiet ta' Grima Communications.

Iddur kemm iddur pero' xejn ma jnaqqas mill-fatt illi l-ftehim originali ġie xolt. U anke hawn il-Qorti ssib diffikolta n vista ta' parti mill-ewwel talba rikonvenzjonanti ta' Joe Grima et. paragrafu a) u b) ta' l-istess. Il-Qorti ma tistax tasal timputa tort uniku lil ebda parti għal falliment ta' l-ewwel ftehim. Jekk Grima kif igħid hu u hu rissaput kien tant midħla max-Xandir, anke skontu għen fil-legislazzjoni relatata, allura suppost kellu konoxxenza tad-difikultajiet li setgħu kien hemm wara dan il-prospettat transfer tal-liċenzja, inutli jwaħħal wara fuq l-allegata reputazzjoni ħazina ta' Joe Camilleri għax dan bħala bniedem notorju fix-xena tad-divertiment, kien ġia jaf bih meta kkontratta miegħu. Anke fejn tidħol kwistjoni ta' bdil ta' fond, Grima jagħti stampa li l-istazzjon iċċaqlaq donnu għalxejn meta imbagħad jirizulta li hu kien ġewwa l-Furjana bla titolu u kellu kera mhux imħallsa, li da parti tiegħu Camilleri jgħid li ħallas hu. Fil-fatt għalkemm Grima jagħti l-impressjoni li donnu l-istazzjon iċċaqlaq mingħajr konoxxenza tiegħu meta wieħed jara d-dokumenti esebiti a folios 529 sa 533 jinduna li kien hemm kera mhux imħallsa tal-fond fil-Furjana u li Grima kien ben konsapevoli li l-istazzjon kien se

jibda jitrasmetti minn tas-Sliema għalkemm igħid fl-istess ittra li kien hemm bżonn esperti li jaqagħlu l-*equipmen*t konċernat.

Tali nkonsistenzi jwasslu l-Qorti għal impossibilta' li timputa xi responsabilta' lejn Camilleri talli falla l-arrangament ta' bejniethom. Fil-fatt Camilleri mingħajr il-liċenzji kien se jitpogga f'sitwazzjoni fejn fin *in fondo* l-kontroll fuq l-istazzjon baqa' vestit f'ħaddieħor bil-konsegwenzi kolla li jġib dana miegħu u hu jitgħabba bil-piżijiet/passiv tal-kumpanija. Dan jiriżulta ċar minn dak li ġara meta hu keċċa li Dr. Bezzina għax hu ma riedx stazzjon politiku, stazzjon li fuq kollox kien qed jigestixxi hu. Dan jgħid li żammu milli jonora l-obbligazzjoni tal-ġaranżiji bankarji li kellu jassumi. Frankament pero anke hawn tara u ma tistax tifhem kif negozjant ta' kalibru li suppost kien Camilleri ma għamilx il-*homework* tiegħu sew qabel ma daħħal għal dan il-ftehim. Oltre hekk ħarsa lejn l-ewwel ftehim, agreement JC1 u s-side letter JC2, jidher ċar li wieħed kien dipendenti fuq l-ieħor. It-tranfers ta' l-ishma kellu jsir sugget ukoll għal kundizzjonijiet ta' l-ewwel ftehim, għalkemm Camilleri seta' almenu jtella' l-bank biex jiprova d-diffikoltajiet li hu sab ma l-istess mingħajr it-transfer ta' liċenżji fuqu, ladarba hu qatt ma asssuma d-debitu u ġaranżiji kif stipulat, ma tarax il-Qorti li hi tista b'konvinċiment morali tasal biex tippunta lejh għal falliment ta' dan il-ftehim. Tqies li fil-fatt kull parti kkontribwit sew għal dan u ma ssib ebda ingann imputabbli lil ħadd.

Fil-kuntest ta' ftehim kien jispetta liż-żewg partijiet li jaraw li dak stipulat bejniethom jitħadden bil-*bona fede* kolla dovuta.  Tqies li kull parti kellha piż x'iġġorr għal dan il-falliment u li ma tistax tasal timputa dan unikament fuq Joseph Camilleri biex tasal issibu responsabbli għal falliment ta' l-ewwel ftehim.

Ferm il-premess u magħduda dawn il-konsiderazzjonijiet tqies li kif irriżulta mill-provi li ressaq Grima hu qed jippretendi l-ħlas ta' Lm52,991.00 u dik ta' Lm13.261.00 għal ammont globali ta' Lm66,293.13. Saret *counter offer* ta' Lm30,000. Ovvja ma ġietx aċettata. Mix-xhieda mressqa da parti ta' Grima et. senjatament dawk imressqa minn Renald Micallef, cheques esbiti, accounts tal kumpanija li anke juri telf fl-attiv tagħha tul il-gestjoni ta' l-atturi et.,  tikkonsidra li ċertament baqa ammont sostanzjali dovut lil Grima et. fuq skorta tal-ftehim tax-xoljiment tan-negozzju bejniethom. Matematikament għalhekk is-somma ta' Lm21,250.00 kif rappresentata fil-kambjali presentati mat-talba ta' Joseph Camilleri et huma kollha dovuti. Dan pero iħalli deskrepanza kbira bejn is-somma globali msemmija minn Grima, dik rappresentanti l-kambjali annessi ma din il-kawza u flejjes li l-istess Camilleri qiegħed fil-kont tas-soċjeta. Biss biss issemmi Lm11, 000 ta' kera tal-lukanda Tropicana u dik tal-kiri ta' Għal Kafe', fatti mhux kontradetti minn Grima et. Tqies ukoll illi Grima rċeva somma ta' flus għal-trasferiment li attwalment qatt ma seħħ, qaqta' sommom li rċeva għal konsulenza tieghu. In vista ta' dana kollu l-Qorti hi tal-fehma li għandha tasal għal likwidazzjoni b'mod ekwittativ *ex aequo et bono* u tillikwida l-ammont residwali dovut fl-ammont ta' Lm38,000 ekwivalenti

għal €88,516.3368 lil Qorti invista tal-valur tal-kambjali qegħda tirrotonda għal ammont ta' €88.500".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

22. Il-pern ta' dan l-aggravju, almenu sa fejn jitratta l-appellanti *proprio*, huwa li l-Ewwel Qorti kellha tillikwida danni favur tagħhom għaliex il-ħall tal-ftehim li kien intlaħaq bejn l-attur, Joseph Grima u Grima Communications Limited kien ġie preċipitat mill-attur li skont huma kkawża kriżi fl-istazzjon tar-radju għax m'osservax il-kondizzjonijiet tal-liċenzja li wassal lill-Awtorità tax-Xandir sabiex tissospendi l-liċenzja tar-radju. Wara li rat l-atti l-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa għalkollox infondat.

23. L-ewwel nett, għalkemm huwa minnu li kien l-attur li talab li jinħall il-ftehim ta' bejn il-partijiet ta' Frar 1995 jirriżulta mill-atti li l-partijiet kienu ftehmu bil-miktub dwar l-obbligi residwali tal-attur, u ċjoè dak li l-attur kellu jkun responsabbli għalih wara l-ħall tal-ftehim ta' Frar 1995, u dan kif jidher mill-ftehim tat-2 ta' April 1996 li jinsab esebit bħala Dok JC 3 a *fol.* 12-14 tal-atti. Dan il-ftehim kien ġie ffirmat minn Joseph Grima kemm f'isem Grima Communications Limited u kemm f'ismu proprju. Minkejja dan, il-ftehim ma jagħmel l-ebda referenza għall-ammonti li skont il-ftehim oriġinali kellhom jitħallsu lil Joseph Grima personalment. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ladarba l-partijiet ftehmu bil-miktub dwar x'kellhom ikunu l-obbligi

tal-attur wara l-ħall tal-ftehim oriġinali u ma semmewx il-ħlas lil Joseph Grima ta' xi ammonti li kellhom jitħallsu lilu skont il-ftehim oriġinali, l-appellanti ma jistgħux issa jippretendu li jbiddlu dan il-ftehim permezz ta' din l-azzjoni. Dan aktar u aktar ikkonsidrat li fil-ftehim imsemmi ma saret l-ebda riserva għad-dritt ta' Joseph Grima li jdur kontra l-attur għad-danni sofferti minnu minħabba l-ħall tal-ftehim u anzi ġie dikjarat li "*10) All legal/actions against Mr Camilleri will be dropped*."

24. Fi kwalunke każ, anke li kieku kellu jiġi aċċettat li huwa legalment possibbli għall-appellanti li jitolbu danni minħabba l-ħall tal-ftehim oriġinali minkejja dak li ġie miftiehem fl-1996, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li ma jirriżultax li l-ħall tal-ftehim huwa imputabbli għal nuqqasijiet unikament da parti tal-attur kif jikkontendu l-appellanti. L-ewwel nett, l-argumenti magħmula mill-appellanti li mis-sentenza fl-ismijiet **Grima Communications v. L-Awtorità tax-Xandir** jirriżulta li l-liċenzja tax-xandir ġiet sospiża minħabba l-attur, u partikolarment għaliex kien waqqaf programm ta' Dr. Emmy Bezzina, huma assolutament infondati. Mix-xhieda mogħtija minn Antoine Agius,[2] li fiż-żmien relevanti kien il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir jirriżulta li s-sospensjoni tal-liċenzja tal-istazzjon inkwistjoni ma kinitx kaġun tal-fatt li l-attur kien waqqaf ix-xandir tal-programm ta' Dr. Emmy Bezzina. Huwa minnu li kienet l-ittra mibgħuta minn Dr. Emmy Bezzina li preċipitat din is-sospenzjoni ta' sitt xhur, iżda

[2] Fol. 252 – 255 tal-atti tal-kawża **Joseph Grima v. Joseph Camilleri** bin-numru ta' referenza 2116/2000.

r-raġuni għal dan kienet li permezz ta' din l-ittra l-Awtorità tax-Xandir saret taf li l-kontroll tal-istazzjon kien għadda f'idejn terzi persuni (u ċjoè l-attur) minkejja l-fatt li dan it-trasferiment ma kienx ġie awtorizzat mill-Awtorità tax-Xandir. Għalhekk fil-verità l-ħtija għal din is-sospensjoni qiegħda nettament f'ħoġor il-konvenuti rikonvenzjonanti u mhux l-attur.

25. Barra minn hekk, mill-atti jirriżulta li l-problemi dwar il-liċenzja kienu bdew minn qabel ma daħal fix-xena l-attur. Hekk pereżempju fil-"*Performance Review"* tal-istazzjon li saret mill-Awtorità tax-Xandir fl-1994 l-Awtorità sabet numru ta' nuqqasijiet, fosthom il-fatt li kien hemm istanzi fejn l-iskeda tal-programmi ma kinitx qed tiġi segwita, li l-biċċa l-kbira tal-ħin tal-iskeda tal-programmi tal-istazzjon kien iddedikat għall-mużika, li lanqas biss kienet mużika lokali, u dan bil-maqlub tal-għan dikjarat tal-istazzjon, li kien hemm assenza totali ta' xandir ta' aħbarijiet lokali, li kien hemm assenza totali ta' "*live broadcasts of international events"* u "*interviews from the House Lobby"* bil-maqlub ta' dak li ġie dikjarat li kien ser isir fl-applikazzjoni għal-liċenzja, li kien hemm numru ta' okkażjonijiet fejn ma nżammux *log tapes* tal-programmi kif rikjest bħala kundizzjoni tal-liċenzja, u sar kumment ukoll fis-sens li "*care has to be exercised in the selection of subjects to avoid the possible charge of invasion of privacy or lack of good taste in programming"* b'referenza partikolari għal xi programm dwar is-suwiċidju ta' persuna in partikolari.

26. Barra minn hekk jidher li kien hemm xi kwistjoni bejn l-istazzjon u l-Awtorità tax-Xandir dwar ix-xandir ta' aħbarijiet lokali fuq l-istazzjon, meta f'Ġunju 1994 l-istazzjon waqaf ixandar aħbarijiet lokali u beda jxandar biss trażmissjonijiet diretti ta' Euronews bħala sinjal ta' protesta kontra l-Awtorità tax-Xandir. Skont l-Awtorità dan l-aġir kien in kontravenzjoni tat-termini tal-liċenzja għaliex kien joħloq żbilanċ fir-rappurtaġġ tal-aħbarijiet. F'dan ir-rigward sar kumment mill-Awtorità fis-sens li "*This state of affairs was commented upon in the Authority's letter of 14 July 1994 addressed to the station. This letter has remained unanswered.*" Sas-17 ta' Jannar 1995, u ċjoè qabel ma daħal fix-xena l-attur, din il-kwistjoni dwar l-aħbarijiet kienet għadha mhijiex riżolta, kif jidher ċar mill-ittra mibgħuta lil Joseph Grima mill-Awtorità tax-Xandir fis-17 ta' Jannar 1995 fejn huwa ġie mwissi li x-xandir tal-aħbarijiet ma kienx qiegħed isir skont il-liġi u l-kundizzjonijiet tal-liċenzja, u li jekk dan ma kienx ser jiġi rettifikat "l-Awtorità tkun kostretta tieħu dawk il-passi li jidhrulha xierqa skond il-kondizzjonijiet tal-liċenzja tax-xandir."

27. Fix-xhieda tiegħu l-attur qal li "Jien ma ċaqlaqt xejn mill-programmi. Programmi aħna ma bdilniex fiż-żmien li kont involut jiena fir-radju." Din ix-xhieda hija ampjament korroborata mill-provi dokumentarji li ġew esebiti u li juru li l-iskeda tal-istazzjon baqgħet l-istess u li, kif appena spjegat, id-diffikultajiet li kien hemm mal-Awtorità tax-Xandir, kienu l-istess bħal dawk li kien hemm anke qabel ma daħal fix-xhieda l-attur.

28. Għaldaqstant m'hemm l-ebda dubju li d-diffikultajiet li kien hemm fir-rigward tal-liċenzja tal-istazzjon tar-radju mal-Awtorità tax-Xandir ma kinux preċipitati minn xi aġir tal-attur iżda kienu sewwasew diġà jeżistu qabel ma t-tmexxija tal-istazzjon għaddiet f'idejh. B'hekk din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li l-ħtija għall-ħall tal-ftehim oriġinali ta' bejn il-partijiet ma tistax tiġi imputata unikament lill-attur għaliex jirriżultaw nuqqasijiet serji da parti tal-konvenuti rikonvenzjonanti.

29. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Ir-Raba' Aggravju**

30. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jargumentaw illi l-imgħaxijiet fuq l-ammont likwidat ma setgħux jiġu esklużi billi skont il-liġi u l-ġurisprudenza l-imgħaxijiet fil-kamp kummerċjali huma aċċessorji għat-talba prinċipali anke jekk ma jkunux intalbu espressament. Isostnu li l-prinċipju *in illiquidis non fit mora* ma jgħoddx fil-każ odjern billi l-attur kien assuma responsabbilità għall-ħlas tad-danni u lanqas imqar iddepożita taħt l-Awtorità tal-Qorti s-somma ta' Lm30,000 li huwa ħass li kienet dovuta minnu biex jeżimi ruħu mir-responsabbilità tal-imgħaxijiet.

31. L-appellat iwieġeb li l-prinċipju regolatur huwa li *in illiquidis non fit mora* u l-ebda waħda mill-eċċezzjoniet ammessi mill-ġurisprudenza ma tgħodd għaċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

**Konsiderazzjoniet ta' din il-Qorti**

32. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju għandu mis-sewwa u li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta m'ordnatx il-ħlas ta' imgħaxijiet legali fuq is-somma likwidata minnha. Kif intqal fis-sentenza **Costantino Abela v. George Azzopardi** (Appell, 07/10/2005):

> "Anki fl-att ta' citazzjoni fejn ma ssirx talba sabiex fuq il-kapital mitlub jiddekorri l-imghax, il-Qorti xorta wahda tista' tikkundanna lill-konvenut ihallas il-kapital bl-imghax.
>
> Dana qed jinghad in vista ta' dak illi jipprovdi s-subartikolu tnejn (2) ta' l-artikolu 1141 tal-Kodici Civili.
>
> […]
>
> Talba b'citazzjoni tammonta ghal "sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju" u allura titqies li tinkludi talba ghall-imghax.
>
> Il-kliem "sejha ghall-hlas" fic-citat artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili jirreferi ghall-hlas tal-kapital u mhux ta' l-imghax fuqu u illi, konsegwentement, meta tkun saret it-talba b'att gudizzjarju ghall-hlas tal-kapital, jibda jiddekorri ope legis l-imghax fuq l-istess kapital".

33. Il-Qorti ma taqbilx però mal-appellanti li dawn l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru mhux mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti iżda mid-data tan-notifika lill-attur tat-talbiet rikonvenzjonali. Kif intqal fis-

sentenza fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina v. Andrew Mamo noe** (Appell, 19/11/2001):

> "Din il-Qorti allura mhix qeghda b'mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju in illiquidis not fit mora, specjalment fejn ir-responsabilita' ghad-danni tkun giet ammessa. […]
>
> …il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura nnuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita' ghall-hlas tieghu. Fejn imbaghad **l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur**, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat". [enfażi ta' din il-Qorti]

34. Huwa minnu f'dan il-każ li l-attur kien aċċetta li kien responsabbli għal danni favur il-konvenuti rikonvenzjonanti. Mill-atti jidher però li huwa kien qiegħed jammetti danni f'ammont ta' Lm30,000 (ekwivalenti għal ċirka €70,921.99). Min-naħa tagħhom il-konvenuti rikonvenzjonanti kienu qed jippretendu ammont ta' aktar minn Lm70,000 fir-risposta maħlufa tagħhom. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom din il-pretensjoni ġiet aħjar imfissra b'dan il-mod:

> "…Joseph Camilleri għandu jiġi ordnat iħallas is-somma ta' €49,499.10 rappreżentanti l-valur ta' erbgħin (40) kambjala kif ukoll is-somma ta' €162,997.76 rappreżentanti l-valur ta' mija u erbgħin (140) kambjala, u dan oltre d-danni reklamati permezz tat-talbiet rikonvenzjonali tal-esponenti u b'mod partikolari oltre t-telf tas-somma ta' Lm6,000, illum ekwivalenti għal €13,976.23 per annum li kienet tkun altrimenti dovuta lil Joe Grima bħala konsulent tal-istazzjon għall-perjodu ta' ħames snin oriġinarjament prospettata fil-ftehim oriġinali".

35. Għalhekk il-pretensjoni tal-konvenuti rikonvenzjonanti kienet fl-ammont totali ta' ċirka €268,401.78. Din is-somma hija ferm 'il bogħod minn dik likwidata mill-Ewwel Qorti, b'mod illi ma jistax jingħad illi l-attur ma kienx qiegħed jirrifjuta li jħallas bi skuża li l-ammont ma kienx għadu determinat ġudizzjarjament, u anzi jikkonferma li mhuwiex b'xi kapriċċ tal-konvenut li l-partijiet ma laħqux ftehim dwar l-ammont preċiż li kellu jitħallas mill-attur. Għaldaqstant f'din il-kawża ma jirrikorrux dawk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li għandhom iwasslu lill-Qorti biex ma tapplikax il-prinċipju *in illiquidis non fit mora.*

36. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ parzjalment.

**Is-sitt aggravju**

37. Dan l-aggravju jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż. L-appellanti jsostnu li l-ispejjeż kollha kellu jbatihom l-attur għaliex kieku ma njorax l-interpellazzjonijiet li sarulu u għamel offerta deċenti ma kienx ikun hemm bżonn ta' dawn il-proċeduri. Isostnu wkoll li partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-appellat ċaħħadhom mill-użu ta' flushom għal aktar minn għoxrin sena mhuwiex ġust li huma jkollhom iħallsu xi spejjeż.

38. L-appellat iwieġeb li l-Ewwel Qorti kienet diġà ġeneruża ħafna mal-appellanti u għalhekk m'hemmx lok li jsir xi tibdil fl-ispartizzjoni tal-ispejjeż.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

39. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa nfondat. Kif diġà ġie kkonsidrat fir-rigward tal-aggravju preċedenti, mill-pretensjonijiet imressqa mill-konvenuti rikonvenzjonanti f'dawn il-proċeduri jirriżulta b'mod ċar li jekk il-partijiet ma rnexxielhomx jittransiġu l-kwistjoni ta' bejniethom dan ma kienx unikament tort tal-attur iżda wkoll tort tal-pretensjoni bil-wisq esaġerata tal-konvenuti rikonvenzjonanti. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanti ma ressqu l-ebda argument li jista' jwassal lil din il-Qorti sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-ispartizzjoni tal-ispejjeż.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' limitatament ir-raba' aggravju tal-appellanti u tordna lill-attur iħallas l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti flimkien mal-imgħax legali li għandu jiddekori mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti sad-data tal-pagament effettiv, tiċħad il-bqija tal-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu inkwantu għal kwint ($^{1}/_{5}$) mill-appellat u erbgħa minn ħamsa ($^{4}/_{5}$) mill-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm